



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12725/18

LIMITE

CORLX 495
CFSP/PESC 895
RELEX 817
COAFR 245
FIN 747
JAI 955

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE)
2015/1755 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2015/1755
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1755 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 257, 2.10.2015, p. 1.

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2015/1755 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi.
- (2) Hija disponibbli informazzjoni ta' identifikazzjoni addizzjonali dwar persuna fiżika waħda.
- (3) Għalhekk, jenħtiegħ li l-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/1755 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/1755 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/1763, l-entrata 3 taħt l-intestatura "Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2" hija sostitwita b'li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni
"3.	Mathias/Joseph NIYONZIMA magħruf ukoll bħala KAZUNGU	Data tat-twelid: 6.3.1956; 2.1.1967 Post tat-twelid: Komun ta' Kanyosha, Mubimbi, Provinċja ta' Bujumbura Rurali, Burundi Numru ta' reġistrazzjoni (SNR): O/00064 Nazzjonalità Burundjana. Numru tal-passaport: OP0053090	Uffiċjal fis-Servizz tal- Intelligence Nazzjonali. Responsabbli li fixxkel it-tfittxija għal soluzzjoni politika fil- Burundi billi inċita l-vjolenza u atti ta' repressjoni waqt il-protesti li bdew fis-26 ta' April 2015 wara li tħabbret il-kandidatura presidenzjali tal-President Nkurunziza. Responsabbli li għen iħharreġ, jikkordina u jarma lill- milizzji paramilitari Imbonerakure, inkluż barra l- Burundi, li huma responsabbli għal atti ta' vjolenza, repressjoni u abbużi serji kontra d-drittijiet tal- bniedem fil-Burundi."